MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2003

Citazzjoni Numru. 193/1994/1

**Numru 3**

**Citaz. Nru. 193/94**

**Maurice Camilleri, Frank Camilleri u Michael Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Roedean Shipping Inc. ta' Monrovia, Liberia, u b'nota tat-8 ta' Marzu 1994 Dr. Henri Mizzi u Dr. Louis de Gabriele assumew l-atti tal-kawza minflok l-assenti Maurice Camilleri, Frank Camilleri u Michael Camilleri**

**vs**

**Frederick Frendo nominat b'digriet tal-15 ta' April 1994 kuratur deputat sabiex jirrapprezenta s-socjeta`**

**Charisma Shipping Limited; u Avukat Joseph Bonnici u P.L. Hilda Ellul Mercer nominati b'digriet tal-14 ta' April 1994 kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw is-socjeta` estera Lucinda Holdings Inc. ta' Monrovia, Liberia ghal kull interess li jista' jkollha**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fil-11 ta' Frar 1994 li permezz tagha l-atturi nomine wara li ppremettew:

Illi s-socjeta attrici ghandha mija u hamsa u ghoxin (125) sehem ta’ lira `l wiehed fis-socjeta Charisma Shipping Limited minn total ta’ hames mitt (500) sehem ilkoll ta’ lira `l wiehed f’din l-ahhar socjeta;

Illi s-socjeta Lucinda Holdings Inc. ta’ Monrovia, Liberia ghandha r-rimanenti tliet mija u hamsa u sebghin (375) sehem ta’ lira `l wiehed fis-socjeta Charisma Shipping Limited u ghalhekk, bhala socju maggoritarju, din is-socjeta Lucinda Holdings Inc. ghandha l-kontroll effettiv tas-socjeta Charisma Shipping Limited;

Illi s-socjeta Charisma Shipping Limited tmexxiet u qieghda titmexxa b’mod li d-drittijiet tas-socjeta attrici gew u qeghdin jigu lezi serjament u dan kif jigi ppruvat fit-trattazjoni tal-kawza;

Illi s-socjeta Charisma Shipping Limited tmexxiet u qeghda titmexxa b’mod li l-obbligi bejn l-azzjonisti nkisru u qeghdin jigu miksura u dan kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza;

Illi s-socjeta Charisma Shipping Limited tmexxiet u qeghda titmexxa b’mod irregolari u dan kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza;

Illi tali cirkostanzi huma gravi bizzejjed biex jaghtu lok ghax-xoljiment tas-socjeta Charisma Shipping Limited taht

l-artikolu 150(g) ta’ l-Ordinanza dwar Socjetajiet Kummercjali, Kap 168;

Talbu li din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li in vista tal-premess jezistu cirkostanzi gravi bizzejjed biex jiggustifikaw ix-xoljiment tas-socjeta Charisma Shipping Limited; u

2. Konsegwentement ixxolji s-socjeta Charisma Shipping Limited; u

3. Tinnomina stralcjarju ghas-socjeta Charisma Shipping Limited;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti noe li gew ngunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati fejn qalu:

1. Illli l-eccipjenti mhux edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk qed jirrizervaw minn issa li jipprezentaw l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Frederick Frendo nomine fejn qal:

Preliminarjament, illi dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni sabiex tiehu konjizzjoni ta’ dina l-kawza;

Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi ma jezistux ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment tas-socjeta Charisma Shipping Limited u lanqas ma jezistu fil-fatt u fid-dritt l-allegazzjonijiet maghmula mill-atturi nomine fic-citazzjoni illi Charisma Shipping Limited qed titmexxa b’mod li d-drittijiet tal-atturi nomine gew u qeghdin jigu lezi serjament, jew li hija tmexxiet b’mod illi l-obbligi bejn l-azzjonisti nkisru u qeghdin jinkisru, jew li s-socjeta tmexxiet b’mod irregolari, u di fatti l-atturi nomine

ma hadu ebda azzjoni gudizzjarja li taghtihom il-ligi in sostenn tal-pretenzjonijiet taghhom.

Salvi eccezzjonijiet ohra.;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tal-21 ta' Novembru 1994 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Kevin F. Dingli bhala perit gudizzjarju biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;
Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat ir-relazzjoni tal-perit gudizzjarju debitament mahlufa fl-24 ta' Gunju 1999;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

**Preliminari**

Din il-kawza hija konnessa mal-kawza fl-ismijiet **Maurice Camilleri et noe vs Dr. Robert Tufigno noe (Citaz. Nru. 192/94)** u mal-kawza fl-ismijiet **Maurice Camilleri et noe vs Simon Bajada noe et noe (Citaz. Nru. 194/94)**, il-kawzi numri 4 u 2 rispettivament fuq il-lista tallum. Il-provi ngabru kollha f'din il-kawza izda japplikaw ukoll ghaz-zewg kawzi l-ohra msemmija. Inoltre b'digriet ta' l-10 ta' Lulju 1998, din il-Qorti diversament presjeduta awtorizzat lill-perit gudizzjarju biex jirredigi u jipprezenta rapport wiehed biex iservi bhala prova fit-tliet kawzi. Difatti l-perit gudizzjarju hejja u pprezenta r-rapport tieghu proprju f'din il-kawza.

Jigi osservat li hadd mill-konvenuti ma pprezenta jew ghamel xi osservazzjonijiet ulterjuri jew xi kritika ghar-rapport filwaqt li l-atturi nomine, f'rikors ipprezentat fil-25 ta' Jannar 2000 indikaw li ghalkemm ma jaqblux dwar certi

aspetti tal-motivazzjoni tal-perit gudizzjarju, "huma jaqblu perfettament mad-*decide* kollha minnu rakkommandati".

**<u>L-eccezzjoni preliminari dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni</u>**

Il-konvenut nomine jsostni fl-eccezzjoni preliminari tieghu li din il-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni biex tiehu konjizzjoni ta' din il-kawza. Jispjega fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu annessa man-nota ta' eccezzjonijiet, li s-socjeta` Charisma Shipping Limited hija kontrollata minn diretturi li mhumiex residenti jew domiciljati Malta, li dawn ma jikkontrollawx is-socjeta` minn Malta u li l-azzjonisti lanqas ma huma residenti jew domiciljati Malta. Din is-socjeta`, ighid il-konvenut nomine, hi biss registrata Malta.

Fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu (a fol. 251 et seq.) il-konvenut nomine jsostni li t-test originali tal-Kodici ta' Procedura kien bit-Taljan u bit-Taljan il-kelma "domiciliato" ma tfissirx "domiciled" izda "residenti". Billi l-kontroll tas-socjeta` konvenuta Charisma ma kienx f'Malta peress li hadd mid-diretturi jew mill-azzjonisti ma u residenti f'Malta, ebda laqgha ma saret f'Malta u l-management tal-bastiment kien fil-Grecja, ghaldaqstant din il-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni. Ghall-kuntrarju, l-atturi nomine jsostnu li bil-kelma "domiciljat" wiehed ghandu jifhem "domiciled" fis-sens tad-dritt Ingliz.

Fir-relazzjoni tieghu l-perit gudizzjarju jindika n-nuqqas ta' qbil tieghu mas-suggeriment tal-konvenut nomine u jghid illi l-Qrati ta' Malta

"ghandhom ikunu kompetenti sabiex jiehdu konjizzjoni ta' kawzi istitwiti kontra kwalsiasi socjeta` illi tkun registrata f Malta, ghaliex is-semplici fatt tar-registrazzjoni ta' socjeta` (li wara kollox hija persuna legali, b'personalita` ghal kollox separata u distinta minn dik tal-azzjonisti taghha) fil-pajjiz iggib maghha ipso facto 1-konsegwenza logika u legali fis-sens illi mhux talli tali socjeta` tkun soggetta ghal-ligijiet ta' dak il-pajjiz, izda talli wkoll tali socjeta` tkun soggetta ghall-gurisdizzjonj tal-Qrati ta' dak il-pajjiz.

Altrimenti tigi kkrejata sitwazzjoni ghal kollox assurda fejn ghalkemm socjeta` tkun soggetta ghal-ligijiet tal-pajjiz, tali ligijiet ma jkunux jistghu jigu enforzati fil-konfront ta' tali socjeta` mill-Qrati tal-istess pajjiz! Zgur illi l-Qrati ma humiex hemm biex jaghtu interpretazzjonijiet assurdi ghal-ligijiet, anzi ghall-kuntrarju huwa d-dover tal-Qrati illi jinterpretaw il-ligijiet b'mod illi l-istess ligijiet ikunu jistghu jaghmlu sens u sahansitra b'mod illi tali ligijiet ikunu jistghu jigu applikati."

Il-perit gudizzjarju jghid ukoll li:

"…. id-dritt internazzjonali privat taghna huwa influwenzat mill-principji tad-dritt internazzjonali Ingliz (fejn huwa ben stabbilit illi socjeta` ghandha 'domicile of origin' fil-pajjiz tal-inkorporazzjoni taghha) u li kieku l-legislatur ried jipprovdi mod iehor kien jistipulah specifikament a tenur tal-principju legali *'ubi lex voluit, dixit'.*

Illi ghal kull buon fini ghandu jigi registrat illi l-esponent generalment jaqbel massottomissjoni ta' Charisma fis-sens illi hija ma hijiex residenti f Malta billi d-diretturi kif ukoll l-azzjonisti taghha ma humiex residenti f Malta, kif ukoll minhabba l-fatt illi l-ebda laqghat ma saru f Malta.

Dan 1-argument pero` ma jwassalx ghall-konkluzzjoni illi s-socjeta` mhix domiciljata f' Malta, u ghandu jigi rilevat ukoll illi ghall-finijiet tal-ligi dwar it-Taxxa fuq id-Dhul [Kapitolu 123 tal-Ligijiet ta' Malta], is-socjeta` xorta wahda titqies illi hija residenti f' Malta u ghalhekk soggetta ghat-taxxa f Malta a bazi biss tar-registrazzjoni taghha fil-pajjiz - dan ovvjament minghajr l-ebda pregjudizzju ghall-ezenzjonijiet mit-taxxa kif kontenuti fl-Att tal-1973 Dwar il-Bastimenti Merkantili.

Difatti, fid-definizzjoni tat-terminu "resident in Malta" kif kontenut **fl-Artikolu 2(1)** tal-istess **Att dwar it-Taxxa fuq id-Dhul** [Kap. 1231, wiehed isib illi:

*"Provided that a company incorporated in Malta on or after 1st July 1994 shall be resident in Malta and any other company incorporated in Malta shall be resident in*

*Malta from 1st January 1995 where the management and control of the business of the company is exercised outside Malta."*

Jigi koncess pero` illi stante illi Charisma Shipping Limited (kif ukoll Trinacria Shipping Company Limited) giet inkorporata qabel l-1 ta' Lulju 1994, dana 1-Artikoiu tal-ligi ma kienx applikabbli ghaliha fid-data tal-presentata tac-Citazzjoni fin-1994 izda saret applikabbli biss fl-mori tal-istess. Din l-osservazzjoni pero` ma timmilitax kontra l-argument illi qieghed isir fis-sens illi llum il-gurnata l-inkorporazzjoni ta' socjeta` f Malta tvesti lill-Awtonitajiet lokali bii-gurisdizzjoni kollha fil-konfront tal-istess. U hekk ghandu jkun fl-interessi tas-serjeta` tal-affanijiet.

Illi di piu` hemm disposizzjonijiet ad hoc fil-ligi procedurali taghna illi jikkontemplaw specifikament il-kaz ta' meta socjeta` registrata f Malta ma jkollhiex id-diretturi taghha residenti fil-pajjiz, liema disposizzjonijiet jipprovdu ghall-hatra ta' kuraturi sabiex jirrapresentaw tali socjeta` fil-proceduri koncernati - proprju bhal ma gara fil-kawza odirna.

Hekk ai termini **tal-Artikolu 929 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili** [Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta]

*"… il-qorti tista' wkoll tahtar kuraturi biex jidhru u jiddefendu fil-qrati superjuri jew fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kompetenza taghha superjuri —*

(d) *fl-interess ta' kull socjeta` kummercjali registrata jew stabbilita taht 1-Ordinanza dwar Socjetajiet Kummercjali jew kull ligi ohra 1i tissostitwixxi l-istess Ordinanza* ... *jekk il-persuna jew il-persuni li jkunu moghtija r-rappresentanza tas socjeta` jkunu assenti minn Malta jew jekk ebda persuna jew persuni kif imsemmija, jew bizzejjed persuni ma jkunu moghtija dik ir-rappresentanza."*

Ghalhekk zgur illi Charisma ma jista' jkollha l-ebda argument validu x'tissolleva firrigward, ghaliex il-ligi

proprju qieghda tikkontempla s-sitwazzjoni prevista minn Charisma ta' meta socjeta` ma tkunx fil-fatt residenti f'Malta u qieghda tippermetti li xorta wahda jigu istitwiti proceduri legahli kontra tali socjeta` billi tipprovdi specifikament ghan-notifika tal-atti processwali f'idejn kuraturi li ghandhom jigu mahtura sabiex, fln-nuqqas tad-diretturi, jirrapresentaw legalment lil tali socjeta`.

Illi fuq kollox fil-kawza ***Avukat Dottor Kevin F. Dingli noe. -vs- Avukat Dottor Joseph Bonnici  et noe.*** [Citaz. Nm. 1116/94/NA, deciza fil-prim'istanza fit-30 ta' Mejju 1995] dina l-istess Onorabbli Qorti anke washet sabiex tikkonkludi illi l-Qrati ta' Malta ghandhom gurisdizzjoni sabiex jiehdu konjizzjoni ta' kawza maghmula fil-konfront ta' direttur barrani ta' socjeta` Maltija, in konnessjoni mal-kariga tieghu bhala direttur tal-istess socjeta`, u dana ghas-semplici fatt illi s-socjeta` koncernata kienet registrata f Malta."

Din il-kawza li rrefera ghaliha l-perit gudizzjarju giet appellata u l-eccezzjoni dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni giet effettivament deciza permezz ta' sentenza preliminari ta' l-14 ta' Jannar 2002, liema sentenza kkonfermat, b'xi precizazzjonijiet, id-decizjoni ta' l-ewwel Qorti. Difatti fis-sentenza taghha l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Superjuri) qalet:

"… f'din il-kawza li kienet bejn zewg persuni li ma kinux cittadini Maltin u lanqas ma kienu residenti f'Malta, din il-Qorti kellha gurisdizzjoni tikkonsidra l-meritu in kwantu dan kien jirrigwarda persuna Maltija residenti Malta u cioe` socjeta` limitata debitament registrata f'dawn il-Gzejjer. Infatti l-partijiet kienu azzjonisti f'din is-socjeta` 'Glovegold Shipping Ltd.'[1] u l-meritu jirrigwarda proprju l-konestazzjoni dwar il-kariga ta' direttur ta' din l-istess socjeta` u li jimpingi direttament allura fuq l-amministrazzjoni taghha. Indubbjament allura l-meritu ta' din il-kawza jirrigwarda persuna - anke jekk morali - li zgur toqghod u tirrisjedi f'Malta".

[1] socjeta` li kienet giet kostitwita f'Malta fl-10 ta' Mejju 1989

Fuq l-iskorta ta' dik is-sentenza, din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li hija ghandha gurisdizzjoni f'din il-kawza u ghalhekk l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut nomine hi michuda.

**I1-Mertu**

Din il-kawza hi bazata fuq il-paragrafu (g) ta' l-artikolu 150 tal-Kap 168 tal-Ligijiet ta' Malta, il-ligi *in vigore* meta giet intavolata c-citazzjoni. L-atturi nomine qeghdin isostnu li jezistu cirkostanzi gravi bizzejjed ghax-xoljiment tas-socjeta` konvenuta Charisma li hija socjeta` registrata fir-Registru tas-Socjetajiet Maltin.

Qabel xejn pero` jigi osservat li fin-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha s-socjeta` Charisma tghid li l-atturi nomine ma hadu ebda azzjoni gudizzjarja li taghtihom il-ligi in sostenn tal-pretensjonijiet taghhom. U fin-nota ta' osservazzjonijit taghom ighidu li jidher car li l-legislatur taghna ried illi qabel ma tigi xolta socjeta`, biex ikun hemm raguni bizzejjed tajba, l-attur irid ikun ezawrixxa kull rimedju iehor; hekk biss ir-raguni tkun tajba bizzejjed. Il-Qorti tosserva pero` li fil-fatt il-legislatur ma kkwalifikax l-applikazzjoni tal-paragrafu (g) ta' l-artikolu 150 tal-Kap 168 fis-sens li attur irid jezawrixxi rimedji ohra legali qabel ma jiehu azzjoni taht dak il-paragrafu. Dan il-fattur ghandu biss jittiehed in konsiderazzjoni fid-dawl ta' l-apprezzament li l-Qorti ghandha taghmel dwar jekk kinux jezistu "ragunijiet gravi bizzejjed" ghax-xoljiment ta' socjeta`.

Issa jirrizulta bhala fatt li fis-socjeta` konvenuta Charisma, is-socjeta` attrici estera Roedean Shipping Inc. ghandha 125 sehem, filwaqt li s-socjeta` konvenuta estera Lucinda Holdings Inc. tippossjedi 375 sehem. Ghalkemm f'seduta peritali tat-23 ta' Jannar 1995 l-Avukat difensur tas-socjeta` konvenuta Charisma ndika li kienu saru xi trasferimenti ta' ishma fis-socjeta` Charisma Shipping Limited mis-socjeta` Lucinda Holdings Inc., u cioe` 75 ishma lil Zaryat Shipping Company Limited, 50 ishma lil Black Watch Shipping Company Limited u 30 ishma lil Lady G Shipping Company Limited. Tul il-kawza kollha

pero` ma gewx prodotti provi dwar l-allegat trasferiment ta' ishma u lanqas ma gew kjamati fil-kawza s-socjetajiet imsemmija kif lanqas dawn ma intervjenew fil-kawza. Kif tajjeb qal il-perit gudizzjarju, *"quod non est in actis, non est in mundo"*. Taqbel ukoll li jekk verament saru tali trasferimenti fil-mori ta' din il-kawza, tali agir ghandu jitqies kundannabbli. Ghalhekk il-Qorti se tipprocedi fuq il-fatti rizultanti, u cioe` l-ishma kif originarjament imqassmin bejn is-socjetajiet Roedean u Lucinda, u se tqis il-mertu tal-kaz a bazi ta' l-imsemmi paragrafu (g) ta' l-artikolu 150 tal-Kap 168 li jghid testwalment:

"**150.** Kumpannija xxolji -

….

(g) jekk, fil-fehma tal-qorti, ikun hemm ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment".

Fil-fehma ta' din il-Qorti, is-sinifikat ta' dan l-artikolu huwa car u jhalli diskrezzjoni wiesa' f'idejn il-Qorti biex tiddetermina jekk jezistux cirkostanzi li jistghu jitqiesu "**gravi** bizzejjed" biex iwasluha li tiddeciedi favur ix-xoljiment ta' kumpanija. X'jikkostitwixxi "ragunijiet gravi" l-ligi ma tghidilniex, u ghalhekk dan irid jigi determinat mill-Qorti a bazi ta' l-apprezzament li hi taghmel tal-fatti kollha tal-kaz.

Is-socjeta` Roedean tindika bhala cirkostanzi gravi bizzejjed biex jaghtu lok ghax-xoljiment tas-socjeta` Charisma, is-segwenti:

i. illi Charisma tmexxiet u qieghda titmexxa b’mod li d-drittijiet ta’ Roedean gew u qeghdin jigu lezi serjament;

ii. illi Charisma tmexxiet u qieghda titmexxa b’mod illi l-obbligi bejn l-azzjonisti qeghdin jigu miksura; u

iii. illi Charisma tmexxiet u qieghda titmexxa b’mod irregolari.

Il-fatti saljenti tal-kaz gew elenkati u kommentati hekk mill-perit gudizzjarju:

"Illi z-zewg protagonisti tal-kaz, u cioe` Maurice Camilleri (Camilleri) u Nicos Tomasos (Tomasos), kienu ilhom hbieb ghal numru konsiderevoli ta’ snin.

Tul dina l-hbiberija taghhom, kienu skambjaw favuri reciproci bejniethom fin-negozji nispettivi taghhom. Dan kien fuq bazi gratuwitu.

It-tnejn li huma kienu midhla sew fin-negozju marittimu, u t-tnejn li huma kienu proprjetarji u operaturi ta’ bastimenti ghalkemm Camilleri bhala bniedem tekniku kien aktar b’sahhtu fil-qasam tekniku, filwaqt illi Tomasos kien aktar b’sahhtu f'dak li ghandu x’jaqsam mat-tmexxija ossia management ta’ bastimenti.

Camilleri kien f'xi zmien wera x-xewqa lil Tomasos sabiex jippartecipa f'xi negozju marittimu flimkien ma’ Tomasos. Din l-opportunita` kienet ipprezentat ruhha f'Lulju tas-sena 1987 meta Tomasos kien identifika l-bastiment “THETIS” (sussegwentement “THEANULA”, “PALMIER” u llum “THEANO”), li kien fis-suq ghall-bejgh, bhala okkazjoni tajba ghall-investiment - u kien avvicina lil Camilleri fir-rigward.

Il-proposta originali ta’ Tomasos kien fis-sens illi hu u Camilleri jidhlu ghax-xiri talbastiment fuq bazi ugwali, cioe` dik ta’ shab indaqs. Kien Camilleri stess, pero`, illi ghal ragunijiet finanzjarji eventwalment kien accetta li jiehu biss sehem ta’ hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) fl-intrapriza hekk proposta. Tomasos kien dizappuntat b’din ir-riserva da parti ta’ Camilleri, ghalkemm kien accettaha.

Jidher car mill-ewwel daqqa t’ghajn illi Tomasos kien sejjer ikun il-forza determinanti fit-tmexxija tan-negozju ta’ bejniethom. Difatti, kien Tomasos illi kien innegozja x-xiri tal-bastiment. Kien Tomasos ukoll illi kien innegozja ghall-facilita’ bankarja necessarja sabiex seta' jinxtara l-bastiment man-Nederlandse Sheepshypotheeksbank N.V. u sahansitra kien anke pprovda xi garanziji personali a favur tal-istess bank principalment fil-forma ta’ Mortgage fuq wiehed mill-bastimenti l-ohra tieghu.

Camilieri kien ghal kollox passiv sew f'dak li kellu x'jaqsam man-negozji ghax-xiri tal-bastiment, kif ukoll ghal dak li ghandu x'jaqsam man-negozjati mal-bank u mal-provvista tal-garanziji illi kellhom jinghataw a favur tal-istess bank. Camilleri ma pprovda l-ebda garanzija (ghalkemm veru wkoll illi qatt ma kien mitlub sabiex jaghmel dan, kif inhu veru wkoll illi qatt ma offra li jaghmel dan). Kien ghalhekk, kif ghidna, ghal kollox passiv fil-materja.

Jigi osservat illi n-negozjati mal-bank kienu ta' certa importanza ghall-intrapriza proposta bejn Tomasos u Camilleri, billi 1-flus illi kienu ser jinhargu bejn Tomasos u Camilleri (USD 2,025,000) ma kinux ser ikunu bizzejjed biex jinxtara 1-vapur (USD 4,625,000). Difatti l-ammont li kellu jissellef sabiex seta' jinxtara il-bastiment kien ta' USD 2,600,000 - somma din mhux insinifikanti.

Jidher illi sa mill-bidu nett Camilleri addotta attitudini fejn, apparti l-kontribuzzjoni kapitali tieghu fil-kont lilu indikat minn Tomasos, kien lest sabiex ihalli kollox f'idejn Tomasos ghaildak koilu illi ghandu x'jaqsam mal-operat tan-negozju taghhom.

Per ezempju lanqas ma ha xi interess partikolari fit-tfassil tal-istruttura legali illi kellha tabilfors tinholoq sabiex il-bastiment seta' jinxtara (sew l-istrutturizzazzjoni tal-entita` legali akkwirenti - originarjament Ant Seatraders Ltd. ta' Limassol, Cipru - kif ukoll ir-registrazzjoni tal-bastiment f'registru tal-bastimenti - originarjament dak ta' Cipru).

Lanqas ma qatt talab Camilleri illi jinnomina lil xi wiehed mid-diretturi (originarjament ta' Ant Seatraders, u sussegwentement ta' Charisma), u jidher ukoll illi kollox kien pacifiku bejn il-kontendenti illi t-tmexxija u l-operazzjoni tal-bastiment kienet sejra tigi fdata ghal kollox f'idejn Tomasos taht il-kappa specjalizzata tieghu f'dan il-qasam ta' C. Tomasos Hehlas Inc. u li ghalhekk id-diretturi tas-socjeta` proprjetarja tal-bastiment (originarjament Ant Seatraders, u sussegwentement Charisma) ma kienu ser ikollhom l-ebda rwol partikolari jew sinifikanti fit-thaddim tal-istess bastiment illi kien il-

qofol kollu tar-relazzjonijiet kummercjali ta’ bejn l-istess kontendenti.

Illi din l-affari tat-tmexxija ossia management tal-bastiment hija ta’ certa importanza ghall-finijiet ta’ dina l-kawza fejn Camilleni qieghed jistrieh hafna fuq il-fatt illi Charisma kienet u hija kkontrollata minn Tomasos.

L-iskop kollu tas-socjeta` Charisma, l-istess bhal Ant Seatraders qabilha, kien sabiex jigi provdut il-qafas legali necessarju ghall-proprjeta` u ghar-registrazzjoni tal--bastiment, u xejn aktar minn hekk. F’dan ir-rigward, Charisma segwiet biss il-passi tal-antecedenti taghha Ant Seatraders.

Fil-fehma tal-esponent, ma jistax ikun hemm dubju illi l-fatt illi l-bastiment kien sejjer jitmexxa minn Tomasos taht il-kappa tieghu ta’ C. Tomasos Hehlas Inc. kien ghal Camilleni l-fattur determinanti illi kien proprju mmotivah sabiex ifittex jidhol f'intrapriza ta’ dina x-xorta ma’ Tomasos. Kien jirrispetta l-kapacitajiet ta’ Tomasos f'dan il-qasam, u indubbjament il-bastiment kien sejjer jibbenefika mill-fatt illi kien sejjer jitmexxa bhala parti minn flotta - cioe' l-flotta ta’ Tomasos.

Illi ghalkemm huwa koncess u anke apprezzat illi kien hemm certu element ta’ hbiberija u fiducja bejn Camilleri u Tomasos, jibqa’ l-fatt illi wiehed kien jistenna illi Camilleri, bhala negozjant prudenti, kien jiehu ferm aktar interess fl-istadju inizjali tan-negozju illi ghogbu jidhol ghalih ma’ Tomasos.

Dan ma jinghadx biss ghal dak li ghandu x’jaqsam man-negozjati ghax-xiri tal-bastiment u man-negozjati ghall-facihitajiet bankarji fuq riferiti, izda jighad ukoll u forsi. b’mod aktar specjali ghall-finijiet ta’ dina l-kawza, ghal dak li ghandu x’jaqsam mal-istrutturar shih tax-xiri tal-istess bastiment u tat-tmexxija tieghu skond kif gia` gie accennat aktar 'il fuq.

Minn dana kollu l-esponent jiddeduci illi Camilleri, x’aktarx ghaliex kien minn dejjem irrikonoxxa 1-fatt illi fl-ahhar mill-

ahhar ma kienx dahal ghall-intrapriza bhala socju indaqs ma’ Tomasos, kif ukoll illi t-tmexxija tal-bastiment kien sejjer ikun responsabbli ghalih l-istess Tomasos, kien evidentement dispost illi jagixxi bhala ‘sleeping partner’ fin-negozju, u fl-ahhar mill-ahhar ghal dak li ghandu x’jaqsam ma’ profitti mill-investiment illi kien ghamel jafda f’idejn il-kapacitajiet ta’ Tomasos fit-tmexxija tal-bastiment.

Illi Camilleri kien jaf sewwa n-negozju tal-bastimenti u tat-tmexxija taghhom, tant illi hu stess kellu diversi bastimenti minn tieghu stess f'diversi perijodi. Kien ghalhekk familjari sew mal-mod kif jinxtraw, jigu registrati u jithaddmu l-bastimenti. Ghalhekk il-pozizzjoni illi adotta f'dan ii-kaz kienet wahda ta’ semplici investitur, u turi kemm tassew kellu fiducja fil-kapacitajiet ta’ Tomasos li ovvjament kien ben konsapevoli tat-”track record” tieghu f'dana l-qasam.

Ghar-ragunijiet kollha fuq moghtija, ghalhekk, Camilleri ma jistax, fil-fehma tal-esponent, jippretendi illi kien hemm xi kuncett ta’ “partnership” jew anke ta’ “quasi-partnership” bejnu u bejn Tomasos. Camilleri kien semplicement investitur. U dina 1-osservazzjoni ta’ bilfors illi ser ikollha l-effetti u l-konsegwenzi taghha meta wiehed jigi biex iqis jekk il-provvedimenti tal-Artikolu 150(g) jistghux jigu invokati fil-kawza odjerna anke fid-dawl tal-gurisprudenza ingliza riferita fin-nota tal-osservazzjonijiet attrici.

Illi apparti danakollu jidher illi dina 1-fiducja illi evidentement kellu Camilleri fittmexxija ta’ Tomasos kienet tassew flokha. Tant illi Camilleri stess jirrikonoxxi illi fll-perijodu ta’ bejn 1-4 ta’ Awwissu 1987 (meta nxtara 1-bastiment) u April 1991 (meta avvera ruhu 1-incident) il-progett mexa b’mod eccellenti minn kull aspett, u t--thaddim tal-bastiment kellu success u gew realizzati 1-profitti.

Illi a kull buon fini jigi osservat illi Camilleri baqa’ jircievi ‘dividends’ mill-operazzjoni tal-bastiment anke tul il-mori tal-proceduri, tant illi ma jistax jigi negat illi 1-investiment tieghu originali spicca sabiex tassew li rrealizza qliegh konsiderevoli. Dan huwa kollu dokumentat fl-Atti:

*"Therefore the cumulative total payments / dividends made so far to Mr. Camilleri amount to USD 2,425,000. 00."* (il-Kaptan Theodoros Kefalonitis, in kontro-ezami, fls-Seduta Numru XXII tas-16 ta' April, 1997 - mhux kontradett).

Meta wiehed iqis illi 1-investiment inizjali ta' Camilleni fl-intrapriza kien biss ta' USD *556,250* (Dok. A5), wiehed malajr jikkalkula illi tul perijodu ta' ghaxar (10) snin 1-investiment ta' Camilleri aktar milli kkwadrupla — u dana ghal dak li ghandu x'jaqsam biss ma' dividends u ghalhekk apparti l-investiment kapitali fil-bastiment stess.

Jinghad minnufih illi dawn il-figuri bl-ebda mod ma kellhom xi influwenza partikolari fuq l-esponent, salv ghall-osservazzjoni illi meta Camilleri kien indika xewqa illi jidhol f'intrapriza ma' Tomasos kien jaf ben tajjeb x'kien qieghed jaghmel.

F'xi zmien pero` 1-attitudini originali pjuttost passiva u rilassanti ta' Camilleri fil-konfront tal-intrapriza stabbilita bejnu u bejn Tomasos flr-rigward tal-bastiment ma tkomplietx. Anzi fi stadju aktar avvanzat tbiddlet ghal kollox u Camilleri addotta minflok pozizzjoni pjuttost aggressiva.

L-atteggjament ta' Camilleri f'dan 1-istadju aktar avvanzat tan-negozju, meta f'xi zmien kien iddecieda li proprju jibda jfettaq, ghalhekk jistona hafna mal-atteggjament originali u rilassat tieghu.

Illi l-inkwiet kollu ta' bejn Camilleri u Tomasos jidher illi inqala' wara 1-incident illi kien garrab il-bastiment fl-24 ta' April 1991, meta Camilleri xtaq illi jillikwida 1-investiment tieghu fllwaqt illi Tomasos kien ta' parir iehor u xtaq illi jsewwi 1-bastiment. Dan kien approssimattivament kemmxejn aktar minn erba' (4) snin wara x-xiri tal-bastiment f'Lulju/Awwissu tal-1987.

Kif stqarr l-istess Camilleri fil-paragraui 18 tad-Dikjarazzjoni tieghu (fil-fatt 1-ewwel paragrafu taht il-kap "I1-Perijodu Minn Awwissu 1987 sa April 1991"):

*"Mid-data tal-akkwist tal-m.v. "Theanoula" sad-data tal-incident spjegat aktar il-quddiem u li sehh f'April 1991, il-progett ta' bejn Camilleri u Tomasos mexa b'mod eccellenti minn kull aspett. Ir-relazzjoijiiet ta' bejniethom kienu tajbin kemm fuq live/l personali kif ukoll fuq livell professjonali, u t-thaddim tal-bastiment kellu success u kien qieghed jiggenera profitti."*

Illi dana kollu jimmilita xi ftit kontra 1-ilmenti ta' Camilleri fir-rigward tas-socjeta` Ciprijotta Ant Seatraders Ltd., principalment in konnessjoni mal-ishma fl-istess socj eta`.

Mhux hekk biss, izda talli ghandu jigi osservat llii stante illi Ant Seatraders Ltd. hija socjeta` Ciprijotta, dina l-Onorabbli Qorti ma ghandha l-ebda gurisdizzjoni fir-rigward taghha. Apparti dan, it-talba hija ghall-istralc tas-socjeta` Maltija Charisma u mhux tas-socjeta` Ciprijotta Ant Seatraders Ltd.

Ghaldaqstant l-esponent ma huwiex sejjer jaghti xi importanza partikolani ghall-epoka ta' meta 1-bastiment kien registrat fic-Cipru f'isem Ant Seatraders, hlief ghall-finijiet tal-ezami tar-relazzjonijiet kummercjali u legali ta' bejn Camilleri u Tomasos mill-perspettiv storiku ghaliex ovvjament tali ezami tirrifletti dawl siewi fl-apprezzament tar-relazzjonijiet legali ta' bejn Camilleni u Tomasos f'Charisma bhala s-successur talimsemmi Ant Seatraders.

Ir-relazzjoni legali proprju ta' bejn Camilleri u Tomasos, fil-kuntest Malti, avverat ruhha bil-kostituzzjoni u 1-inkorporazzjoni tas-socjeta` Maltija Charisma fid-29 ta' Lulju 1991 (u cioe` wara 1-incident ta' April 1991).

Ghalkemm Camilleri, ossia Rodean, inizjalment ma kienx azzjonista f'Charisma (billi l-ishma kollha, salv ghal sehem wiehed, kienu jsejhu lis-socjeta` konvenuta Lucinda), l-azzjonijiet relattivi rapprezentanti sehemu ta' *25%* kienu gew sussegwentement rilaxxjati a favur tieghu u cioe` fl-24 ta' Lulju 1992.

Illi ghalkemm Camilleri isostni illi l-"bejgh" tal-bastiment lil Charisma kienet azzjoni illi naqset sostanzjalment id-drittijiet tieghu, l-esponent huwa ta' fehma ohra semplicement ghar-raguni u mill-punto di visto illi Camilleri ma jista' jressaq l-ebda ilmenti fil-konfront ta' Tomasos quddiem dawn il-Qrati li huma antecedenti ghall--partecipazzjoni tieghu f'Charisma.

Illi f'kull kaz, u minghajr l-ebda pregudizzju ghall-osservazzjonijiet antecedenti, ghalkemm mill-punto di visto morali l-esponent bl-ebda mod ma jista' jikkondividi 1-azzjoni ta' Tomasos fit-trasferiment 'fittizju' tal-bastiment minn socjeta` (Ant Seatraders Ltd.) ghal ohra (Charisma), u minn registru (Cipru) ghal iehor (Malta), kienu x'kienu 1-poteri tad-diretturi ta' Ant Seatraders, minghajr ma lanqas biss ikkonsulta ruhu ma' Camilleni anke fil-vesti tieghu bhala azzjonista minoritarju, pero` fl-istess waqt huwa apprezza c-cirkostanzi illi fihom sehh dana t-trasferiment, u ma ghandu l-ebda dubju ta' xejn illi b'daqshekk biss Tomasos ma kellu i-ebda intenzjoni illi jnaqqas b'xi mod id-drittijiet ta' Camilleri.

Kien hemm evidentement ragunijiet ohrajn illi mmotivaw it-trasferiment, pnincipalment sabiex tigi evitata l-possibilita` illi terzi pensuni jarrestaw il-bastiment u b'hekk il-bastiment bhala l-assi principali anzi ewlenija tal-intrapriza ta' bejn Camilleri u Tomasos jigi salvagwardjat.

Anke l-istess Camilleri jirrikonoxxi, fil-paragrafu 28 tad-Dikjarazzjoni tieghu illi:

*"L-incident tal-24 ta' April 1991 ma pprovokax biss talba mi/l-proprjetarji tal-m. v. "Theanoula" kontra l-assiguraturi. Ipprovokat ukoll talba minn dawk interessati fit-taghbija ghal "general average contribution."*

Illi l-esponent izid jghid ukoll illi, apparti l-fatt illi Tomasos stess kien iddikjara fit-22 ta' Mejju 1992 illi "there can be no doubt that the 25% of the 'Palmier ' is yours and belongs to you", l-istess Camilleri fl-ebda stadju qabel ir-rilaxx tal-ishma a favur tieghu ma wera xi preokkupazzjoni serja fir-rigward. Ghall-kuntrarju, fil-waqt materjali il-hsieb

principali ta’ Camilleri kien illi jbiegh sehemu fl-intrapriza tal-bastiment lil Tomasos.

Illi kwazi l-istess jista’ jinghad ghall-Mortgage illi kien gie registrat fuq il-bastiment (issa taht l-isem “PALMIER”) a favur ta’ Mayfair Finance Inc. kontemporaneament mar-registrazzjoni tieghu f'Malta fit-8 ta’ Awissu 1991, allegatament bhala garanzija ghal kuntratt ta’ self bejn Charisma u Mayfair datat 8 ta’ Awwissu 1991.

L-imsemmi kuntratt ta’ self baqa’ qatt ma gie esibit fl-Atti, u 1-Accounts ta’ Charisma illi gew esibiti (Dok.ti Cl u C2) imkien ma jirreferu ghal tali self— kif tajjeb josserva l-istess Camilleri fil-paragrafu 93(e) tad-Dikjarazzjoni tieghu.

Lanqas ma nxtehet xi dawl fuq is-socjeta` Mayfair Finance Inc. illi allegatament kienet avvanzat il-flus a favur ta’ Charisma, hlief ghall-fatt illi Mayfair kienet inkorporata fl-Liberia u ghalhekk b’mod ghal kollox anonimu bhalma huma s-socjetajiet Liberjani kollha. Ghalkemm ma jezistux provi konkreti, 1-esponent ma ghandu l-ebda dubju morali ta’ xejn illi Mayfair hija socjeta` ohra appartenenti lil u kkontrollata minn Tomasos.

Fic-cirkostanzi kollha cirkondanti t-trasferiment tal-proprjeta’ tal-bastiment minn Ant Seatraders a favur ta’ Charisma, u tar-registrazzjoni tieghu minn dak ta’ Cipru ghal dak ta’ Malta, l-esponent ma ghandu l-ebda dubbju ta’ xejn illi r-registrazzjoni ta’ tali Mortgage kien wiehed ghal kollox ‘fittizju’ billi evidentement ma kien sar l-ebda self a favur ta’ Charisma -  u dan kif jixhdu l-istess Accounts ta’ Charisma. L-iskop kollu tal-kostituzzjoni tal-Mortgage kien sabiex Tomasos ikompli jassigura ruhu kontra 1-possibilita` li titressaq xi pretensjoni kontra l-bastiment in konnessjoni mal-incident ta’ April 1991 fuq riferit u dana permezz tar-registrazzjoni ta’ ‘piz’ fuq l-istess bastiment a favur ta’ socjeta’ minnu stess ikkontrollata.

Illi ghalhekk ghal darb’ohra, ghalkemm mill-punto di visto morali 1-esponent ma jistax jikkondividi l-azzjoni ta’ Tomasos fil-kostituzzjoni ta’ tali Mortgage indubbjament

‘fittizju’ fuq il-bastiment ad insaputa ta’ Camilleni bhala ‘azzjonista minoritarju’ (proprjament Camilleni ma kienx ghadu sar azzjonista f'Charisma fiz-zmien li 1-mortgage kien gie esegwit u registrat), ghalkemm irid jigi koncess ukoll illi d-direttuni ta’ Charisma kellhom kull drtt legali ai termini tal-istatut ta’ Charisma illi jikkostitwixxu tali Mortgage fuq il-bastiment minghajr il-bzonn ta’ xi approvazzjoni da parti tal-azzjonisti tal-istess socjeta`, l-esponent ma ghandu l-ebda dubju illi 1-kostituzzjoni tal-Mortgage ma sarx bl-intendere illi b’xi mod jigu lezi d-drittijiet ta’ Camilleni.

Difatti sussegwentement kien anke gie ccarat illi 1-mortgage kien gie esegwit “in account current form” u illi fil-fatt ma kien sar 1-ebda avvanz ta’ flus da parti ta’ Mayfair a favur ta’ Charisma. Kienet ghalhekk inholqot biss facilita` finanzjarja illi pero` ma tidhirx illi kienet giet utilizzata. Ghalkemm kienet giet registrata sigurta` kontra l-bastiment fil-forma ta’ mortgage, effettivament tali mortgage ma kien qieghed jassigura l-ebda dejn attwali ta’ Charisma versu Mayfair.

Inoltre, ghalkemm il-Mortgage gie registrat f'Awissu tal-1991, Camilleri jghid illi sar jaf bih biss f'Ottubru tal-1992 (Dok. “A67”) meta r-registru ta’ bastiment huwa dokument pubbliku illi kien accessibbli ghal Camilleni ghal kwalsiasi verifika illi xtaq jaghmel sa mill-bidu nett. L-esponent lanqas ma jemmen lil Camilleni ghal kollox meta fid-Dok. “A67” donnu li pprova jivvinta storja fis-sens illi dak iz-zmien kien qieghed f'negozjati ma’ xi bank ghall-ippleggjar tal-ishma tieghu fil-bastiment u illi kien l-istess bank illi kien skopra 1-Mortgage f'tfittxija illi kien ghamel fuq ir-registru. Apparti l-fatt illi Camilleri ma kellu l-ebda ishma fil-bastiment (izda semplicement f'Charisma, bhala proprjetarja tal-bastiment) huwa ben risaput fil-qasam marittimu illi l-ebda bank ma jsellef semplicement a bazi biss ta’ ishma f'socjeta` marittima, wisq anqas a bazi ta’ ishma minoritarji. Difatti dina 1-allegazzjoni qatt ma giet sostanzjata b’xi mod, u f'process voluminuz u moghni b’kull xorta ta’ dokument ma gew prodotti l-ebda dokumenti fir-rigward. Jigi osservat ukoll illi 1-ittra ta’ Camilleri (Dok. A67) intbaghtet fil-21 ta’ Ottubru 1992, u

cioe` ftit wara ittra precedenti datata 3 ta' Settembru 1992 (Dok. A65*)* fejn Camilleri wara illi kien ezamina certi konteggi illi kienu intbaghtulu talab lii Tomasos sabiex issir distribuzzjoni ta' USD1,6000,000 lill-azzjonisti ta' Charisma. Wiehed ghalhekk tassew illi jiehu 1-impressjoni illi Camilleri kien qieghed jipprova jaghmel pressjoni fuq Tomasos u li ghalhekk kien qieghed jipprova juza "1-iskoperta" tal-Mortgage fuq il-bastiment bhala arma.

L-esponent ma ghandu 1-ebda dubju illi Tomasos qatt ma rrisponda bil-miktub firrigward tad-domandi ilIi ghamillu Camilleri in konnessjoni mal-Mortgage ghal ragunijiet ovvji sabiex ma jikkommettix ruhu. *"Regarding the mortgage I suggest you call me or Capt. Kefallonitis in Piraeus"* (Dok. "A69").

Illi jidher illi Camilleri inghata 1-informazzjoni kollha mehtiega fir-rigward tal-Mortgage in kwistjoni permezz ta' telefonata illi huwa jghid illi kien ircieva minn ghand il-Kaptan Theo Kefalonitis flit wara 1-fuq riferita ittra ta' Tomasos tat-3 ta' Novembru 1992 (ara 1-paragrafiu 55 tad-Dikjarazzjoni annessa mac-Citazzjoni).

Illi l-fatt illi 1-Accounts ta' Charisma ma jaghmlu 1-ebda riferenza ghal xi' self ottjenut minn Mayfair huwa indikattiv hafna u fl-opinjoni tal-esponent dawn l-istess Accounts huma fihom infushom prova ta' kemm Camilleri effettivament ma gie ppregjudikat bl-ebda mod bil-kostituzzjoni ta' tali Mortgage.

Illi fl-ahhar mill-ahhar, Camilleri kien accetta 1-ishma f'Charisma meta dawn kienu sussegwentement gew rilaxxjati a favur tieghu minghajr l-ebda riserva ta' xejn u ghalhekk b'hekk huwa kien irratifika u addirittura ssanzjona 1-agir kollu ta' Tomasos fit-trasfeniment tal-bastiment minn Ant Seatraders a favur ta' Charisma kif ukoll firregistrazzjoni tal-istess bastiment fir-registru ta' Malta. Mhux hekk biss, izda talli 1-istess Camilleri kien specifikament indika lil Tomasos (ara Dok. A55) illi l-azzjonijiet tieghu f'Charisma kellhom jinhargu a favur tas-socjeta1 Liberjana tieghu Roedean.

F’ sitwazzjoni fejn Camilleri qieghed jikkontendi illi t-trasferiment tal-bastiment minn Ant Seatraders a favur ta’ Charisma kien ta’ pregudizzju serju ghalih, wiehed kien jippretendi illi Camilleri kien ifittex u jindaga sewwa fir-rigward sia ta’ Charisma kif ukoll tal-bastiment fir-registri tas-socjetajiet u tal-bastimenti rispettivament u dana qabel ma jaccetta l-ishma f'Charisma a favur ta’ Roedean. Kellu zmien bizzejjed biex jaghmel dan.

Illi issa wasal il-waqt illi jigi analizzat bir-reqqa dak illi gara fir-relazzjonijiet ta’ bejn Camilleri u Tomasos wara 1-incident illi garrab il-bastiment fl-24 ta’ April 1991, meta fl-istess epoka Camilleri kien wera x-xewqa illi jillikwida l-investiment tieghu filwaqt illi Tomasos kien ta’ fehma ohra. Dan il-ghalex kif gia` kellu l-okkazzjoni jirrimarka l-esponent aktar 'il fuq f'din ir-Relazzjoni, jidher illi l-inkwiet kollu ta’ bejn il-kontendenti nqala’ proprju wara dana 1-incident.

Jigi osservat minnufih illi 1-incident per se ma kienx il-kawza proprja tal-inkwiet illi inqala’ bejn Camilleni u Tomasos, izda kien semplicement il-fattur illi forsi qanqal ossia ta lok ghall-istess ghalkemm ghal ragunijiet totalment estraneji u indipendenti minnu.

Fis-27 ta’ Settembru 1991 (Dok. A28), Camilleri kiteb lil Tomasos wara xi telefonata precedenti illi kienet avverrat ruhha “regarding my holding in the above vessel”. Fil-fehma tal-esponent dik il-korrispondenza partikolari hija indikattiva hafna il-ghaliex tikxef berah l-istat finanzjarju pjuttost prekarju illi kien jinsab fih Camilleri fil-waqt materjali. Jikteb Camilleni

*'As you know for many months I have been trying my best to do some business which might keep my office and, more importantly, my children busy. This has so far not been possible because of the relation between my resources and the present cost of ships.'*

Ikompli jikteb Camilleri:

*'You informed me that the Theanoula has now arrived in Greece and that soon will start the work of repairing her. In view of this it seems to me to be an opportune moment to ask you whether you would be interested in buying my shares in the vessel, especially since my shares in the Palmier have not been issued.* ...
*Such a sale would enable me to find something that would keep us busy in the office here.'*

U finalment:

*'If it (this request of mine) is not of interest I would appreciate being issued with the new shares to replace the ones I am presently holding.'*

Mela minn dan johrog car illi (1) Camilleri kien konsapevoli tal-fatt illi il-bastiment kellu jigi riparat, (2) Camilleri ma weriex ruhu kontra 1-fatt illi l-bastiment kellu jigi riparat, (3) Camilleri kien herqan sew sabiex preferibbilment jillikwida 1-investiment tieghu sabiex jottjeni "working capital" ghall-ufficju tieghu li ma tantx jidher illi kellu wisq attivita`, u (4) il-kwistjoni tal-hrug tal-ishma a favur tieghu f'Charisma ma tantx kienet xi kwistjoni wisq preokkupanti f'mohh Camilleri dak il-hin.

Camilleri ikompli jirreferi ghall-istat finanzjarja prekarja tal-ufficju tieghu anke filkorrispondenza sussegwenti (ara per ezempju l-ittra tat-12 ta' Marzu 1992 - Dok. A40 - '… my need for liquidity has been pressing for some time now. My office operation is at a virtual standstill ….'

Tomasos irrisponda bil-miktub fit-2 ta' Ottubru 1991 (A29 Ghalkemm apprezza sew is-sitwazzjoni ta' Camilleri, u jidher illi kien dispost sew sabiex jikkunsidra l-proposta ta' Camilleri sabiex jixtri sehmu tant illi kien sahansitra anke ppropona metodu ghall-valutazzjoni ta' dana s-sehem, Tomasos ikkonkluda finalment billi postpona kollox ghal wara illi tigi kkjarifikata s-sitwazzjoni mal-assikuraturi tabl-bastiment u jigu ffinalizzati l-kontijiet.). Ghalkemm apprezza sew is-sitwazzjoni ta' Camilleri, u jidher illi kien dispost sew sabiex jikkunsidra l-proposta ta' Camilleri sabiex jixtri sehmu tant illi kien sahansitra anke

ppropona metodu ghall-valutazzjoni ta’ dana s-sehem, Tomasos ikkonkluda finalment billi postpona kollox ghal wara illi tigi kkjarifikata s-sitwazzjoni mal-assikuraturi tabl-bastiment u jigu ffinalizzati l-kontijiet. Kien qajjem ukoll il-kwistjoni dwar il-valutazzjoni tal-impatt negattiv illi 1-incident tal-bastiment kien sejjer ikollu fuq il-flotta rimanenti tal-bastimenti ta’ Tomasos. Ghalhekk fil-fehma tai-esponent dina 1-ittra ta’ Tomasos bl-ebda mod ma tista’ titqies bhala li kienet tikkostitwixxi xi obbligazzjoni legali da parti ta’ Tomasos illi jixtri sehem Camilleri.

Camilleri ghalhekk ma kienx prudenti, wisq anqas gustifikat, illi jikteb hekk lil Tomasos fit-12 ta’ Marzu 1992 (Dok. A40):

*'1 have taken certain commitments* ***on the basis of the proposals*** *contained in your fax of the 2$^{nd}$ October 1991.'*

Mela Camilleri qieghed huwa stess jirrikonoxxi illi 1-ittra ta’ Tomasos tat-2 ta’ Ottubru 1991 kull ma kienet tammonta kienet ghal mera proposta u xejn aktar minn hekk. Fl-istess waqt, pero`, ghal Camilleri kollox kien diga` fatta u Tomasos kellu jillikwidalu sehemu (ara l-ittra ta’ Camilleri tal-15 ta’ April 1992 - Dok. A44 - '… you no longer intend to stick to the agreement we reached at that time?',  pero` ara wkoll ir-risposta ta’ Tomasos tat-28 ta’ April 1992 - Dok. A45 - 'I certainly cannot recall that we reached an “agreement” as you put it last October …')

Camilleri ghamel diversi tentattivi sabiex jippressjona lil Tomasos sabiex jillikwidalu sehemu (ara per ezempju 1-ittra tat-2 ta’ April 1992 - Dok. A42 - 'I think this is a rather hard attitude when you bear in mind the help I was able to give you in the past on the ‘Mare Picceno’, ‘Solita’, ‘Theanoula” etc.”.'

I1-fatt illi Tomasos eventwalment ma wasalx sabiex jaghmel dan biddel kompletament 1-attitudini ta’ Camilleri fir-nigward tat-tmexxija tal-bastiment ghal wahda ghal kollox aggressiva u b’mod illi jikkuntrasta ghal kolbox mal-attitudini precedenti tieghu illi kif gia` semmejna kienet wahda ferm aktar rilassata u passiva.

L-ishma ta' Camilleri f'Charisma (rilaxxjati a favur Roedean) kienu gew effettivament rilaxxjati fl-24 ta' Lulju 1992, proprju f'dina l-epoka ta' meta l-kontendenti kienu spiccaw illi ma lahqux il-ftehim mixtieq minn Camilleri ghall-likwidazzjoni tal-investiment tieghu. Kien biss f'dan 1-istadju illi Camilleri kien talab illi jigu rilaxxjati a favur tieghu l-ishma tieghu f'Charisma — rikjesta din illi ma kenitx giet skartata minn Tomasos - u fuq mistoqsija ta' Tomasos kien indika lil Roedean bhala 1-vejikola illi kellha sservi ghal dan l-iskop.

Huwa anke utili illi wiehed josserva illi dak iz-zmien Camilleri ma kienx qieghed ihares daqstant lejn l-ishma tieghu f'Charisma (effettivament dawn ma kenux ghadhom gew rilaxxjati a favur tieghu), izda evidentement lejn il-likwidazzjoni ta' sehemu fil-bastiment. Sa dak iz-zmien, Camilleri ma tantx kien juri wisq interess jew preokkupazzjoni fil-rigward tal-punti aktar fini tal-proprjeta' u r-registrazzjoni talbastiment. Sa dak iz-zmien, dawn kienu fatturi pjuttost sekondarji u ta' importanza ftit li xejn ghalih.

Minn hemm il-quddiem, pero`, 1-iskop ta' Camilleni kien manifestament wiehed uniku - u cioe` dak illi jaghmel minn kollox (ghalkemm koncess illi fil-parametni legali) sabiex igieghel lit Tomasos sabiex jillikwidalu sehemu. Difatti Camilleri mhux hiss hedded fit-2 ta' Novembru 1992 illi jirreferi l-kwistjoni "in other hands" (Dok. A68), izda talli sussegwentement istitwixxa diversi proceduri legali sew fil-Grecja kif ukoll il-proceduni odjerni f'Malta.

Illi kif esprima ruhu **<u>Lord Cross</u> fil-kawza "<u>Re Westbourne Galleries Ltd. 119731</u>,** citat mill-Gower fix-xoghol tieghu "Principles of Company Law" (4 edizzjoni, pagna 659) meta kien qieghed jikkunsidra dwar min seta' jirrikorri ghar-rimedju tal-Artikolu 222(f) tal-Companies Act 1948[2]:

[2] Dan l-artikolu jipprovdi li socjeta` tista' tigi xolta jekk "the Court is of the opinion that it is just and equitable that the company should be wound up". Fil-kawza fl-ismijiet **Daniel Cremona noe vs Joseph Lanfranco et noe** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fid-9 ta'

*'Thus to succeed, a petitioner must ‘come to Court with clean hands’.*

Il-ksur totali fir-relazzjonijiet ta’ bejn il-kontendenti avvera ruhu meta fit-3 ta’ Novembru 1992 (Dok. A69) Tomasos irreagixxa ghat-theddida ta’ Camilleri li jipprocedi ulterjorment (Dok. A68) billi, wara illi esprima d-dizappunt tieghu ghall-attitudini ta’ Camilleri, zied ighid hekk: 'However in order to safeguard your shareholding I do not believe this is to be in your best interests'. Camilleri interpreta r-reazzjoni ta’ Tomasos bhala theddida ghall-investiment tieghu billi fl-4 ta’ Novembru 1992 (Dok. A70), qal 'I have noted the implied threat to the ‘safeguard of my shareholding’ and quite honestly I find this unacceptable.” Fl-istess gumata tal-4 ta’ Novembru 1992 (Dok. A71) Tomasos ipprova jassigura lil Camilleri illi 1-kliem tieghu ma kellhomx jigu interpretati bhala theddida izda bhala appell ghas-sens komun, izda kien kollu ghalxejn billi fil-5 ta’ Novembru 1992 (Dok. A72) Camilleri kien gia` nkariga lill-Avukati McHale & Co. sabiex jikkorrispondu ma’ Tomasos ghan-nom tieghu. Inkariga wkoll 1-Awdituri Moore Stephens.

Fl-ahhar nett jigi osservat illi ghalkemm Camilleri ovvjament illi kien intenzjonat sabiex jillikwida sehemu, huwa qatt ma offra formalment l-ishma tieghu f'Charisma ghall-bejgh ai termini tal-Articles of Association ta’ dik is-socj eta` wara 1-24 ta’ Lulju 1992 meta l-istess ishma kienu gew trasferiti a favur is-socjeta` Liberjana tieghu Roedean.

Anke mela minn dana l-angolu jigi osservat illi ghalkemm Camilleri kellu rimedju disponibbli ghalih, jekk tassew ried illi jiddisponi mill-investiment tieghu, huwa pero` ghazel illi ma jirrikorrix ghahih. Ovvjament ghalkemm huwa deher illi ried jillikwida sehemu, huwa ma kienx pront illi jbiegh bil-procedura stahbilita fl-istatut ta’ Charisma izda ried biss illi jzomm lil Tomasos bil-proposta originali tieghu u jillikwida biss ai termini tal-istess.

---

Settembru 1975, intqal li l-koncett fil-paragrafu (g) ta' l-artikolu 149 (issa 150) tal-Kap 168 aktarx gie nspirat mill-imsemmi artikolu 222(f).

**Trasferiment tal-bastiment minn Charisma a favur ta' Trinacria**

Camilleri nghata l-ishma a favur tieghu f'Charisma (f'isem Roedean), kif gia` ghidna, fl-24 ta' Lulju 1992.

Illi huwa veru illi Camilleri kien precedentement insistenti ma' Tomasos illi l-ishma tieghu jinghatawlu fil-kumpanija proprjetarja tal-bastiment (ara Dok. AS0), u mhux f'xi holding company (bhal ma kien gara originarjament fil-kaz ta' Ant Seatraders, meta l-ishma kienu inhargulu fis-socjeta` Golden Anchor).

Fit-18 ta' Mejju 1993, it-bastiment rega' gie trasferit, din id-darba minn Charisma a favur ta' Trinacria. Dana fuq l-istruzzjonijiet ta' Tomasos, u skond hu sabiex 1-istess bastiment jibbenefika minn "premiums" aktar baxxi.

A distinzjoni mit-trasferiment precedenti tal-istess bastiment minn Ant Seatraders a favur ta' Charisma, din id-darba (a) Camilleri intgharaf minn qabel bil-hsieb illi jigi effettwat tali trasferiment - u ghal darb'ohra Camilleri l-ewwel ma ppropona kien illi jigi likwidat sehemu (ara l-paragrafu 72 tad-Dikjarazzjoni attrici); (b) it-trasferiment ma sarx sabiex jigu lezi d-drittijiet ta' terzi persuni; u (c) il-bastiment ma bidilx ir-registru tieghu u difatti baqa' registrat fir-Registru tal-Bastimenti Maltin.

Camilleri jsostni illi tali trasfeniment avvera ruhu sabiex id-drittijiet tieghu fir-rigward tal-bastiment jigu "one step removed", billi Trinacria giet strutturata bhala socjeta` sussidjarja ta' Charisma u l-ishma ta' Camilleri baqghu f'Charisma.

Illi ghalkemm l-esponent japprezza l-argument ta' Camilleri, huwa xorta wahda ma huwiex tal-fehma, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, illi t-trasferiment tal-bastiment sar bl-iskop illi jigu lezi d-drittijiet ta' Camilleri.

Tomasos kien gia` wera lil Camilleri bil-preokkupazzjoni tieghu fir-rigward tal-effett illi 1-incident ta’ April 1991 kien ser ikollu fuq il-premiums mhux biss tal-bastiment in kwistjoni, izda tal-bastimenti l-ohra kollha taht it-tmexxija ta’ Tomasos; u Camilleri kien gie kkonsultat qabel ma sehh it-trasferiment u ghalhekk kellu kull opportunita` illi jew jopponi ruhu ghalih jonkella hi sahansitra jirrikorri lill-Qorti sabiex tinibixxi l-istess trasferiment.

Ghalhekk l-esponent ma huwiex tal-fehma illi tali trasferiment tal-bastiment jikkwalifika bhala raguni gravi bizzejjed sabiex tiggustifika x-xoljiment ta’ Charisma, kif lanqas ta’ Trinacria.

Illi dana kollu apparti 1-kunsiderazzjonijiet legali stretti fis-sens illi d-diretturi ta’ Charisma kellhom kull dritt u poter, skond l-istatut tal-istess socjeta`, sabiex jittrasferixxu 1-bastiment, u dana minghajr il-htiega illi jigu kkonsultati l-azzjonisti wisq anqas il-htiega ta’ xi approvazzjoni tal-istess azzjonisti.

Illi wkoll f'kull kaz Camilleri bhala azzjonista minoritarju f'Tninacria ma kien ser ikollu l-ebda kontroll izjed fuq l-operat tal-bastiment milli kellu fil-vesti tieghu bhala azzjonista minoritarju f'Charisma il-ghaliex is-sehem tieghu fil-bastiment minn dejjem kien wiehed indirett (jigi osservat illi seta’ kellu sehem dirett fil-bastiment sa mill-bidu nett li kieku 1-ftehim originali tieghu ma' Tomasos kien fis-sens illi t-tnejn li huma jakkwistaw l-ishma rispettivi taghhom direttament fil-bastiment, u mhux tramite socjeta` komuni li tigi inkorporata ghal dak l-iskop. Dan pero` ma kienx il-kaz). Inoltre, bl-ebda mod ma wera Camilleri illi sofra xi pregjudizzju reali bhala konsegwenza tal-fatt illi l-interess tieghu fil-bastiment sar wiehed aktar indirett.

## Laqghat Generali tal-Azzjonisti u Accounts

Illi tajjeb issa illi jigu analizzati wkoll l-ilmenti ta’ Camilleri fir-rigward tal-Laqghat Generali tal-azzjonisti ta’ Charisma u tal-Accounts.

Laqghat Generali

Illi kif gia` gie osservat aktar 'il fuq, Charisma kienet giet inkorporata fid-29 ta' Lulju 1991, u l-ishma relattivi kienu gew ittrasferiti lil Roedean fl-24 ta' Lutju 1992.

Illi skond il-ligi governattiva, u cioe` l-Artikolu 112 tal-Ordinanza dwar is-Socjetajiet Kummercjali [Kap. 168], Charisma kellha zzomm l-ewwel laqgha annwali generali taghha sat-28 ta' Jannar 1993 — u cioe` sa tmintax (18) -il xahar wara l-inkonporazzjoni taghha.

L-ewwel laqgha generali fil-fatt issejhet ghat-8 ta' Lulju 1993 — u ghalhekk ftit aktar minn hames (5) xhur bir-ritard.

Illi kull ma tipprovdi 1-ligi bhala sanzjoni ghal xi nuqqas fit-tharis tal-provvedimenti tal-Artikolu 112 tat-Kap. 168 hija penali fil-konfront tal-ufficjali tas-socjeta` koncernata.

Sussegwentement, Charisma kellha zzomm laqgha annwali generali darba fls-sena b'dan pero` illi ma jghaddux aktar minn hmistax (15) -il xahar bejn laqgha annwali generali u ohra - dejjem skond 1-istess ligi.

Ai termini tal-Artikolu 114 tal-Ordinanza, id-diretturi huma fl-obbligu illi jsejhu laqgha generali straordinarja fuq talba ghal daqshekk maghmula minn numru ta' azzjonisti illi bejniethom ghandhom mhux anqas minn ghaxra fil-mija tal-kapital tas-socjeta`.

Ai termini imbaghad tal-Artikolu 117 tal-Ordinanza, azzjonist ghandu d-dritt illi jirrikorri l-Qorti biex jitlob lill-Qorti sabiex tordna li ssir laqgha ta' socjeta`.

Illi ma jidhirx illi Camilleri qatt ipprevalixxa ruhu mill-fakulta` li ttih il-ligi taht 1-Artikolu 114 tal-Ordinanza, kif lanqas ma pprevalixxa ruhu mir-rimedju provdut flArtikolu 117 tal-istess Ordinanza.

Illi 1-kawza odjerna giet intavolata fil-11 ta’ Frar 1994 - u ghalhekk fi zmien seba’ (7) xhur wara 1-ewwel laqgha annwali generali ta’ Charisma fuq riferita.

Illii in vista tal-fatti illi (a) il-ligi tipprovdi biss ghal penali fir-rigward tal-ufficjali ta’ socjeta` f'kaz ta’ xi ksur tal-Artikolu 112 tal-Ordinanza; (b) l-infrazzjoni illi kienet saret sad-data tal-prezentata tac-Citazzjoni kienet minima; (c) il-prattika fil-qasam marittimu huwa fis-sens illi ma tantx tinghata wisq rispett ghar-regolamenti teknici u burokratici u, izjed importanti (d) Camilleri ma rrikorriex l-ewwel ghar-rimedji lilu specifikament provduti fil-ligi, liema rimedji kienu possibilment facilment iwasslu ghal soluzzjonijiet bl-uzu ta’ metodi ferm anqas drastici mix-xoljiment ta’ socjeta` a bazi biss ta’ xi irregolaritajiet amministrattivi - l-esponent ma huwiex tal-fehma illi xi nuqqasijiet illi setghu irrikorrew f'dan ir-rigward jistghu b’xi mod jitqiesu bhala li jikkostitwixxu ragunijiet gravi bizzejjed illi jiggustifikaw ix-xoljiment ta’ socj eta`.

Accounts

Argumenti simili jistghu jitqanqlu fir-rigward ta’ xi nuqqasijiet illi setghu kien hemm fir-rigward taz-zamma u tal-produzzjoni tal-Accounts ta’ Charisma.

Kull min huwa xi ftit konoxxenti tal-prattika fil-qasam marittimu jaf illi ghalkemm jinzammu management accounts separati fir-rigward ta’ kull bastiment, u dawn ikunu dettaljati fir-rigward ta’ kull vjagg maghmul mill-istess bastiment (“voyage accounts”), flit li xejn ma jsiru “Audited Accounts” skond kif titlob il-ligi.

Din 1-osservazzjoni mhix qieghda ssir sabiex dina l-Onorabbli Qorti b’xi mod tikkondividi xi nuqqasijiet fl-osservanza tad-dettami tal-ligi, izda pjuttost sabiex iil-Qorti tapprezza 1-prattika kummercjali f'dan il-qasam sabiex b’hekk ma tmurx tifforma xi opinjoni zbaljata fir-rigward ta’ Charisma. Ghall-kuntrarju, il-prattika illi giet adottata fir-rigward ta’ Charisma ma hi xejn differenti mill-prattika kostanti adottata mill-mijiet ta’ “shipping companies” registrati hawn Malta.

Ghaldaqstant ghandu jigi apprezzat minnufih illi 1-prattika illi giet segwita fil-kaz ta' Charisma ma hija xejn barra minn lokha fil-kamp marittimu.

Bizzejjed illi jigi osservat il-fatt illi l-provvedimenti tal-ligi l-gdida li tirregola s-socjetajiet kummercjali, u cioe` il-Companies Act 1995, ma gewx estizi ghal "shipping companies" proprju il-ghaliex kien inhass minn operaturi fis-suq illi dawk il-provvedimenti kienu iebsin wisq ghal dak 1-annimal specjali illi huwa is-"shipping company".

Ghalkemm huwa fatt indisputat illi l-"Audited Accounts" huma rikjesti mill-Ordinanza (ovvjament fl-interess tal-azzjonisti), "Shipping Companies" bhal Charisma illi joperaw bastiment ezentat ai termini tal-Att Dwar il-Bastimenti Merkantili huma ezentati milli jippresentaw tali "Audited Accounts" lill-awtoritajiet fiskali (cioe` l-Kummissarju tat-Taxxi Intemi), kif lanqas ma huma obbligati li jipprezentaw l-istess "Audited Accounts" lir-Registratur tas-Socjetajiet.

Ghandu jigi osservat ai termini tal-Artikolu 133 tal-Ordinanza, il-kotba ta' socjeta` huma disponibbli biss ghad-diretturi tal-istess socjeta` u mhux ghall-azzjonisti.

Lanqas ma hemm xi obbligu da parti ta' socjeta` illi tipprovdi informazzjoni finanzjarja lill-azzjonisti fir-rigward tal-istess socjeta` hlief ghall-"Profit & Loss Account" kif ukoll ghall-"Balance Sheet" illi d-diretturi tas-socjeta` huma obbligati illi jressqu quddiem il-laqghat annwali generali tal-istess socjeta`. Hemm anke 1-obbligu illi l-istess stqarrijiet finanzjarji jkunu disponibbli lill-azzjonisti fl-ufficju registrat tas-socjeta` sa mill-anqas ghaxart (10) ijiem qabel il-laqgha annwali generali koncernata (Artikolu 138).

B'danakollu, Tomasos generalment irrisponda ghad-domandi ta' Camilleri, ipprovdih bl-informazzjoni finanzjarja illi kien jitolbu, u qatt ma cahadlu d-dritt illi jispezzjona l-kotba tas-socjeta`. Cahadlu biss it-talba (liema talba f'kull kaz ma kenitx legalment gustifikata) li

jibghat awdituri maghzula minnu (cioe` d-ditta tal-awdituri ta’ Moore Stephens) sabiex jezaminaw il-kotba huma stess, u dana fi stadju ta’ meta r-relazzjonijiet ta’ bejn il-kontendenti kienet qraset.

Importanti wkoll hija l-osservazzjoni illi ai termini tal-Artikolu 139 tal-Ordinanza, kwalunkwe nuqqas fit-tharis tal-provvedimenti tal-Artikoli tal-ligi precitati huwa sanzjonat permezz ta’ penali imposta fuq id-diretturi tas-socjeta` koncernata.

Fl-ahhar nett, u din 1-osservazzjoni hija marbuta intrinsikament mal-osservazzjonijiet illi diga` saru aktar 'il fuq fil-kuntest tal-laqghat annwali generali u d-drittijiet u r-rimedji provduti mil-ligi a favur tal-azzjonisti u li ghalihom kien jikkwalifika wkoll Camilleri, ai termini tal-Artikolu 140 tal-Ordinanza 1-awdituri ta’ socjeta` jinhatru mill-azzjonisti tal-istess socjeta` matul il-laqghat annwali generali tal-istess socjeta`.

Mela Camilleri kellu kull dritt illi jew jitlob lid-diretturi ta’ Charisma sabjex isejhu laqgha generali tal-azzjonisti bl-iskop illi jigu mahtura 1-awdituri, jonkella li jirrikorri lill-Qorti ghall-istess skop. Fil-fehma tal-esponent, il-fatt li Camilleri naqas milli jirrikorri ghal tali drittijiet u rimedji ferm anqas drastici mix-xoljiment idghajjef sew il-pozizzjoni tieghu u certament illi l-esponent ma huwiex tal-fehma illi fic-cirkostanzi jezistu ragunijiet gravi bizzejjed sabiex jiggustifikaw ix-xoljiment ta’ Charisma lanqas f'dan l-isfond."

Ma' dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti m'ghandha xejn x'izzid u taqbel maghhom perfettament.

**<u>Ragunijiet gravi skond l-artikolu 150(g) tal-Kap 168</u>**

Pero`, kif anke tajjeb osserva l-perit gudizzjarju, fil-mori ta' din il-kawza u z-zewg kawzi l-ohra li ghalihom saret diga` referenza u li huma konnessi ma' din il-kawza, sar zvilupp serju hafna konsistenti fil-bejgh tal-bastiment "THEANO" fit-30 ta' Awissu 1996 da parti tas-socjeta` Trinacria fuq

ordnijiet ta' Tomasos. Jirrizulta li dan sar bi ksur ta' ordni ta' din il-Qorti ai termini ta' l-artikolu 37 tal-Kap 234 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk irid jigi ezaminat jekk dan il-fatt jinkwadrax ruhu f'dak li jipprovdi l-paragrafu (g) ta' l-artikolu 150 tal-Kap 168. Il-perit gudizzjarju f'dar-rigward jissottometti:

"Illi Camilleri ma kien involut xejn f'dana l-bejgh, liema bejgh jidher illi gie ordnat unikament minn Tomasos. Mhux hekk biss, izda talli ma jirrizultax sallum illi Tomasos qatt ta xi rendikont dwar in-negozju tal-bejgh tal-bastiment kif ukoll dwar ir-rikavat miksub mill-istess bejgh - u dana a dannu evidenti ta’ Camilleri.

Illi kienu x’kienu l-motivi ta’ Tomasos fir-rigward tal-bejgh tal-bastiment, u ghamlu kemm ghamlu sens kummercjali tali motivi tenut kont tal-istat tal-bastiment u eghluq il-hajja kummercjali tieghu, Ordni tal-Qorti qieghda hemm sabiex tithares u mhux sabiex tigi kkalpestata.

Tomasos dejjem kellu d-dritt sabiex jirrikorri lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex jottjeni Ordni ohra tal-Qorti. Per ezempju, seta' talab l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex fic-cirkostanzi kollha illi kellhom jigu spjegati lill-istess Qorti ibiegh il-bastiment purche` jiddepozita r-rikavat fir-Registru ta’ dina l-Onorabbli Qorti pendenti l-ezitu tal--proceduri ghax-xoljiment ta’ Charisma u ta’ Trinacria. Dan pero` ma ghamlux, u ghazel minflok ii jiehu l-ligi f'idejh.

Illi stante 1-fatt illi n-negozju kollu ta’ bejn Camilleri u Tomasos kellu jkun fir-rigward tax-xiri u tal-operat tal-bastiment in kwistjoni illi issa spicca illi nbiegh bi ksur flagranti tal-fuq imsemmija Ordni ta’ dina 1-istess Onorabbli Qorti, u minghajr ma nghata l-ebda rendikont da parti ta’ Tomasos lil Camilleri, 1-esponent huwa inekwivokabilment tal-fehma illi fuq dan l-isfond biss jezistu ragunijiet gravi bizzejjed sabiex jiggustifikaw ix-xoljiment sew ta’ Trinacria (bhala li kienet il-proprjetarja registrata tal-bastiment), kif ukoll ta’ Charisma (bhala 1-azzjonista maggoritarja ta’ Trinacria), sabiex b’hekk jinghalaq darba ghal dejjem il-kapitolu twil fir-relazzjonijiet

ta' bejn Camilleri u Tomasos illi issa ormai tajjeb jew hazin ilhom sew illi qrasu.

Huwa inutili ghal Tomasos li jargumenta li l-iskop (ossia l-"objects") ta' Charisma u ta' Trinacria jmorru oltre l-akkwist u l-operat ta' bastiment partikolari il-ghaliex 1-esponent ma ghandu l-ebda dubju ta' xejn illi l-iskop kollu tal-intrapriza ta' bejn Camilleri u Tomasos kien proprju ristrett u limitat ghax-xiri u 1-operat ta' dak il-bastiment partikolari. Di piu`, Camilleri kien ilu li wera x-xewqa li jillikwida dana 1-investiment tieghu u certament illi l-animus socjali kollu ta' bejn il-kontendenti llum nixfet ghal kollox tant illi xi investiment futur iehor bejniethom taht il-kappa ta' xi wahda minn dawn is-socjetajiet hija llum il-gumata ghal kollox inkoncepibbii.

Illi huwa veru wkoll illi l-Artikoiu 150 tal-Ondinanza jipprovdi specifikament ghax-xolj iment ta' socj eta` "if the undertaking forming its objects is completed or cannot be completed", u dana taht paragrafu iehor u cioe` l-paragrafu (b) illi ma giex indikat mill-atturi fic-Citazzjonijiet taghhom ghax-xoljiment tas-socjetajiet koncernati.

Pero` 1-bejgh tal-bastiment da parti ta' Tomasos bi ksur flagranti tal-Ordni ta' dina 1-Qnorabbli Qorti u minghajr ma nghata 1-ebda rendikont lil Camilleri tinkwadra ruhha, almenu fil-fehma tal-esponent, bhala cirkostanzi gravi bizzejjed sabiex tiggustifika x-xolj iment tas-socjetajiet koncernati.

Illi din id-darba non si tratta b'xi trasferiment "fittizju", sabiex jigu salvagwardjati 1-interessi komuni ta' bejn il-partijiet (almenu f'mohh Tomasos), u minghajr 1-ebda motiv illi jigu ppregjudikati 1-interessi ta' Camilleri bhala azzjonista minoritarju. Ghall-kuntrarju, hawnhekk si tratta b'bejgh genwin, fejn il-proprjeta` tal-bastiment giet trasferita a favur ta' terzi persuni, fejn il-pussess fiziku tal-bastiment gie wkoll hekk trasferit a favur ta' terzi persuni, u fejn gie nkassat rikavat veru. Dana kollu minghajr ma nghatat l-ebda soddisfazzjon ta' xejn lil Camilleri. Ghalhekk wiehed tassew jista' jikkonkludi illi l-interessi

vitali ta' Camilleri gew din id-darba affettwati, u affettwati serjament.

Illi mhux hekk biss, izda talli 1-iskop kollu tar-relazzjonijiet legali ta' bejn iil-kontendenti issa spicca ghal kollox. Ghalhekk huwa l-kaz illi jigi applikat il-principju *tal -* ***"Failure of substratum"*** kif enuncjat mill-Gower fix-xoghol tieghu "Principles of **Modern Companv Law"**:

*"Where the company is no longer able … to carry on the business for the purpose of which it was formed, any member may petition for a winding-up order on the 'just and equitable" ground. … But it is not necessary, in order for the company to be wound up, that it is unable to carry on any activity in accordance with its objects as contained in the memorandum. Where, for example, a company has sold its business or divested itself of its major assets, then even though the majority may wish to keep the company in existence and invest the proceeds under some valid power to do so, a dissenting shareholder may be entitled to say: 'put an end to it, pay me my money'."*

I1-kawza odjerna hija ghalhekk proprju 1-"casus classicus" fejn il-principju tal-"failure of substratum" ghandu indubbjament jigi applikat. Multo magis fic-cirkostanzi illi fihom 1-assi principali tas-socjeta` Trinacria u ghalhekk indirettament ta' Charisma gie mibjugh skond kif fuq espost."

M'hemm l-ebda dubju li l-perit gudizzjarju ghamel analizi tajba u korretta tas-sitwazzjoni emergenti b'rizultat tal-bejgh tal-bastiment u ghal dawk ir-ragunijiet hi tal-fehma li t-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta Charisma Shipping Limited, tilqa' t-talbiet attrici, u ghalhekk:

(1) tiddikjara li jezistu cirkostanzi gravi bizzejjed biex jiggustifikaw ix-xoljiment tas-socjeta` Charisma Shipping Limited,
(2) konsegwentement ixxolji s-socjeta` Charisma Shipping Limited, u
(3) tinnomina lil Anthony Cassar bhala stralcjarju ghas-socjeta` Charisma Shipping Limited.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta Charisma Shipping Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------